SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 25/K10/25

Data tal-laqgħa: 30 ta' Jannar 2026

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Sean Gauci - Viċi Sindku
Mario Amaira – Kunsillier
Victor Vella – Kunsilliera
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Carlo Mifsud - Kunsillier
David Caruana - Kunsillier
Gabriel Borg Ferrando – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (1)**

Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Cher Carmen Fenech – Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Demanuele – Administration Officer II

Preżenza tal-pubbliku – (2)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

25.1.01 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli talbet li tkun skużata għal din il-laqgħa. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**25.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

25.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 24/K10/25.

25.2.02 Dwar il-punt 24.4.03 il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando qal li hu ssuġġerixxa li l-ewwel issir laqgħa pubblika u abbażi ta' dik il-laqgħa ssir id-deċiżjoni. Dwar punt 24.5.03 talab lill-Kunsill li għandha titnehha l-kelma ftit.

25.2.03 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri dwar il-punt 24.7.04.01 talbet li għandha tiżdied li l-Kunsilliera Gabriel Borg Ferrando u l-Kunsillier Victor Vella kienu ssuggerew fil-laqgħat preċedenti li jsiru dawn it-tip ta' sezzjonijiet.

25.2.04 Il-Kunsillier Victor Vella wasal fil-17.30p.m.

25.2.05 Il-Kunsillier Carlo Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti

25.2.06 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando s-sekonda.

25.2.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

**25.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets u Skeda tal-Pagamenti;**

25.3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6662 sa' 6678 u l-pagamenti tal-kontijiet (Ara Appendiċi 'A' u 'B').

25.3.02 Il-Kunsillier David Caruana ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar it-tabelli tad-disabled parking bays u l-Motor Cycles fejn ġie nfurmat li dawn huma ordnati.

25.3.03 Il-Kunsillier David Caruana staqsa dwar il-pagamenti tal-Go plc., ta' Galea Cleaning Solutions, ta' Sandro Caruana, tal-Med Developers fejn is-Segretarju Eżekuttiv taghat l-ispjegazzjonijiet neċessarji. Dwar il-kontijiet tal-Awtorità tal-Artijiet, is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekkja dwar liema huma eżatt il-postijiet li l-Kunsill qed ihallas il-flus ghalihom u ser tinghata twegieba fil-laqgha li jmiss. Il-Kunsillier David Caruana talab spjegazzjoni ukoll il-ħlas tal-ammont ta' €500 fir-rigward il-proġett tad-DB u ċ-Ċermen ta' l-ispjegazzjoni neċessarja. Dwar il-LESA Fines, is-

Segretarju Eżekuttiv spjegat dwar il-flus li jingħataw lil-LESA. Il-Kunsillier David Caruana oġġezzjona għal pagament ta’ Natasha Deguara minħabba li l-kuntrattur kellu jibgħat il-*workplan* mal-kont iżda dan ma bagħtux. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill għalissa jżomm il-pagament minħabba li l-workplan ma ntbagħatx kif mitlub u mhux kuntenti bis-servizz għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekkja jekk il-pagament jistax jinżamm.

25.3.04 Wara diskussjoni, l-Kunsillier Victor Vella ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti barra tas-Sinjura Natasha Deguara.

25.3.05 Il-Viċi-Sindku Sean Gauci ssekonda.

25.3.06 Għalhekk l-pagamenti ġew approvati barra tas-Sinjura Natasha Deguara sakemm ikollna risposta jekk il-pagament jistax jinżamm.

25.3.07 Dwar il-Purchase Request Sheets, l-Kunsill qabel unanimament.

**25.4 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

25.4.01 Fir-rigward il-kenniesa, il-Kunsill ġie nfurmat li wara laqgħa li l-Kunsill kellu mas-supervisors ikkonċernati, ġie miftiehem li l-boroż mill-kenniesa għandhom jitħallew ġo postijiet miftehma bejn il-Kunsill u s-supervisors u b’hekk it-trakk tal-ġbir ma jkollux għalfejn joqgħod idur ma’ San Giljan kollu imma jmur fuq il-postijiet miftehma biss.

25.4.02 Dwar Ġnien Spinola, l-Kunsill ġie nfurmat li Project Green issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel ix-xogħolijiet u Project Green jagħtu l-ammont ta’ €100,000. Ġie ssuġġerit li l-ewwel issir lista tax-xogħolijiet li hemm bżonn umbad jintbagħat għal kwotazzjonijiet. Il-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni li l-email tad-direct order għadna ma rcivejniex.

25.4.03 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill dwar l-ittra li ntbagħatet lill- Cavaillieri Hotel dwar il-wiesa ta’ Triq Spinola.

25.4.04 Il-Kunsill ġie nfurmat li ic-CRPD ħarġet l-approval dwar Ġnien Saver Zarb u qed nistennew il-*Compliance Certificate*. Sa dan it-tant il-Perit tagħna parir li jinżamm *retention money* ta €10,000 u dawn jingħataw lura lill-kuntrattur wara li l-ġnien jibda jiffunzjona kif suppost.

25.4.05 Fir-rigward ic-CCTV Cameras, ġew nfurmati li mil-ġimgħa d-dieħla tal-cameras ser jibda jagħmel kuntatt mal-kunsilliera sabiex juru il-

postijiet li jixtiequ juru fejn isiru l-cameras li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tagħhom.

25.4.06 Ic-Ċermen nforma li l-attivitajiet tal-Milied kienu suċċess filwaqt r-rigali tqassmu lit-tfal. Il-Kunsill ġie nfurmat li fi Frar ser jittella Buffet Breakfast u f'Marzu ser jitela' coffee morning għand il-Mediterranean Ceramics.

25.4.07 Iċ-Ċermen informa wkoll li ser jitella l-karnival nhar il-Hadd 15 ta' Frar 2026. Il-Kunsilliera Patricia Camilleri ssugerit li ssir mixja jew ġirja filwaqt jinġabru xi donazzjonijiet tal-karità ukoll speċjalment għal żmien il-Ġimgħa l-Kbira.

25.4.08 Dwar il-Blossom Project il-Kunsill ġie nfurmat li fit-23 ta' Frar ser issir laqgħa fl-10.00a.m. Il-Kunsilliera mistiedna u ser jintbagħat invit bil-*location*.

25.4.09 Dwar Kumpless Dun Anton Sciberras, il-Kunsill ġie nfurmat li l-informazzjoni mitluba ġiet mibgħuta lill-Awtorità tal-Ippjanar u sadanitant qed nistennew risposta.

25.4.10 Ic-Ċermen informa lill-Kunsilliera li ser issir applikazzjoni għal fondi tal-*Urban Improvement Fund* sabiex jiġi rranġat il-pavimentar fi Triq Sant'Anglu għal ammont ta' €10,000 ġiet aċċettata. Il-Kunsill qabel unanimament li l-għandha tintalab parti mis-somma jew xi ħaġa għal komunità lill-kuntrattur li bena l-isptar.

25.4.11 Iċ-Ċermen spjega dwar x'ser jiġri f'St. Patrick's Day u qal li din is-sena il-Pulizija talbu li jkun hemm Risk Assessment u Insurance mill-ħwienet. Il-Kunsill xorta ser jibqa' jieħu ħsieb is-sigurtà tal-attività u l-flus jinġabru mill-MTA u TZRA bħas-snin ta' qabel.

25.4.12 Saret sospensjoni tal-laqgħa sabiex tiġi diskussa il-mistoqsijiet li bagħat Gabriel peress li kellu bżonn jitlaq:

- Dwar l-isleeping policeman ta' Triq il-Klarissi, ġie deċiż unanimament li waħda minnhom għandha titneħħa filwaqt li l-oħra għandha titneħħa l-biċċa tan-nofs minħabba *Safety* għas-sewwieqa tal-muturi.

- Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jagħmel representation mal-Awtorità tal-Ippjanar għal kull permess li jkun hemm fil-lokalita' ta' San Giljan, madanakollu ġie deċiż li din mhux xi haġa li hi possibbli.

Il-laqgħa tkompliet skond l-Aġenda

25.4.13 Dwar l-Area Meetings, iċ-Ċermen nforma li l-area meetings ser isiru skond id-dokument mehmuż (Ara Appendiċi 'C').

25.4.14 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando ġie skużat fid-19.45

25.4.15 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera li ġibna il-kwotazzjonijiet għal fanali biex isiru ġodda tat-toroq Sqaq Fabri, Triq Sant'Anglu, Triq il-Karmnu u Triq Sant'Elija. Ġie deċiż unanimament li għandha ssir applikazzjoni sabiex dawn isiru permezz tal-Fondi tal-*Urban Improvement Fund.*

25.4.16 Tressqet għal-attenzjoni tal-Kunsill il-kwotazzjoni sabiex jinxtel il-pont tal-Knisja għal festa ta' San Valentinu u din ġiet approvata.

25.4.17 Ic-Ċermen informa lill-Kunsill dwar il-laqgħa li saret ma' xi residenti dwar Ġnien ta' Giorni.

25.4.18 Dwar il-latrina ta' Spinola, ġie deċiż unanimament li għandha terġa tinkiteb ittra lis-Sur Duncan Hall sabiex il-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni jekk din għandix tinfetaħ.

25.4.19 Il-Viċi Sindku Sean Gauci ġie skużat fil-20.09

25.4.20 Dwar ix-xogħolijiet tal-latrina tal-Balluta, il-Kunsill ġie nfurmat li l-flus ser jinħargu mil-Awtorità tat-Turiżmu kif ukoll mit-TZRA, filwaqt li Reġjun aċċetta li bil-fondi tar-Regjun ser jiġi rranġat il-ħajt ta' ħdejn il-Pjazza, it-tinda tal-Balluta u l-fence fi Triq il-Mensija, filwaqt li l-Kunsillier Mario Amaira ppropona li r-rampa li hemm fuq 'it-terrapina' iddur. Ġie deċiż li din għandha tiġi rranġata.

25.4.21 Ġie deċiż li għandu jiġi ċċekkjat għalfejn il-bankina ta' faċċata l-clinic fi Triq Mikiel Ang Borg għadha ma ġietx rranġata.

***25.5 Riżultat dwar Triq Patrick Brydone u Sqaq is-Siġra***

25.5.01 Iċ-Ċermen ta r-riżultat tal-questionnaire li sar dwar dawn it-toroq, fejn l-Kunsill irċieva 69 vot fejn 48 urew ix-xewqa li tibqa kif inhi, 14 urew ix-xewqa li tinbidel kif kienet qabel u kien hemm 7 voti dubjużi.

25.5.02 Ġie deċiż li l-Kunsill għandu jibagħat ittra lill-Kunsill Lokali ta' San Gwann sabiex jiġi propost li ssir applikazzjoni konġunta biex ssir roundabout jew xi miżura oħra fi Triq Patrick Brydone, Sqaq is-Siġra u Triq Bonanno sabiex jiġu evitati xi inċidenti.

***25.6 Talba għal Kumpens rigward inċident fi Triq il-Kbira (Każ 1/2026)***

25.6.01 Ic-Ċermen nforma dwar claim li konna rċivejna.

25.6.02 Il-Kunsill qabel unanimament li din tintbagħat lill-Avukata tal-Kunsill.

***25.7 Talbiet żgħar:***

**25.07.01 Talba dwar seminar fuq is-sahha mentali;**

25.07.01.01 Fir-rigward it-talba dwar is-seminar tas-saħħa mentali, iċ-ċermen nforma li għandu jagħmel kuntatt ma' Fr. Martin sabiex din tkun tista' ssir fil-Millenium Chapel.

**25.07.02 Korrispondenza dwar tabelli ta' makkinarju kbar fiz-zona tal-Village Core**

25.07.02.01 Ic-Ċermen nforma lill-Kunsilliera li ghandu jċempel lill-Perita Antoinette Conti, uffiċċjal mit-Transport Malta biex jikkonferma dwar il-piż/*load* tal-vetturi.

**25.07.03 Skema SPI.SCI.10.2025 – Korsijiet LifeLong Learning 2026 - 2027**

25.07.03.01 Iċ-Ċermen ressaq għal-attenzjoni tal-Kunsill din l-iskema u ġie ssugerit li nagħżlu l-kors ta' Maltese as a foreign language. Il-Kunsilliera Patricia Camilleri ssuġġerit li wkoll Health Well being & Successful Ageing.

**25.07.04 Talba għal ftuħ tal-ħajt fi Triq Dun Ġużepp Xerri**

25.07.04.01 Fir-rigward l-email ta' ftuħ ta' ħajt ġie deċiż li din tintbagħat lill-Perit sabiex issir l-applikazzjoni neċessarja.

**25.07.05 Email dwar Lions Club**

25.07.05.01 Fir-rigward l-email mingħand il-Lions Club, il-Kunsill ġie nfurmat li saret l-applikazzjoni neċessarja u ser tinġib il-kaxxa sabiex jitpoġġew n-nuċċalijiet fl-uffiċċju tal-Kunsill fil-jiem li ġejjien.

**25.07.06 Email dwar proġett mal-Ungerija**

25.07.06.01 Il-Kunsilliera ġew nfurmati li l-Kunsill għaddej fi proġett ma' Focus Europe dwar Erasmus mal-Ungerija.

**25.07.08 Talba għal-informazzjoni dwar Shelters**

25.07.08.01 Dwar l-email mingħand is-*Superintendence of Cultural Hertiage* dwar shelters li huma aċċessibbli fil-lokalita' ta' San Giljan, gie deċiż li għandha ntuhom l-infomrazzjoni neċessarja.

**25.07.09 Beer Festival**

25.07.09.01 Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni dment li qabel jinħargu l-permessi kollha neċessarji inkluż tal-Pulizija

**25.07.10 Email dwar l-applikazzjoni PC ta ħdejn l-iskola ta' San Giljan**

25.07.10.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li din mhux applikazzjoni ta' bini iżda biex issir *re alignment.*

**25.08 Tweġibiet għal-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

25.08.01 Il-Kunsillier Victor Vella nforma lill-Kunsill li Fr. Yan Gove ser jibda jagħti courses fuq l-AI u l-Kunsill ma joħroġx flus għal dawn il-courses. Il-Kunsillier Vella għandu jikkoordina dawn il-courses ma' Fr. Yan Gove.

25.08.02 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri staqsiet meta ser isir il-bank ta Triq il-Qalb Imqaddsa u dak ta' Ta' Giorni.

25.08.03 Il-Kunsillier Mario Amaira staqsa dwar il-bust ta' Dun Anton Sciberras u c-Ċermen spjega li ser jiċċekkja jekk il-bankina hux wiesa biżżejjed skond it-talba tal-Perit.

25.08.04 Fir-rigward il-mistoqsijiet tal-Kunsillier Carlo Mifsud dwar:

- Il-Kumpless Dun Anton Sciberras, ġie deċiż li l-Kunsill jagħmel laqgħat ma' min hu interessat għal użu tal Kumpless;

- Ġie deċiż li l-Kunsill japplika għal-ħsarat li saru fil-xbieki u l-kolonni kif ukoll fit-toilets u s-showers fil-pitch ta' San Giljan bil-maltempata Harry

- Dwar talba tal-għajnuna – din ser tingħata risposta kif il-Kunsill jirċievi risposta mir-Regjun.

- Dwar l-isem ta' Triq Karl Gouder – ic-Ċermen nformahom li għandu jiġi ppublikat dalwaqt fuq il-gazzetta tal-Gvern;

- Dwar il-linji ta' Triq il-Kbira – il-Kunsill ġie nfurmat li dawn ma sarux minħabba li l-kuntrattur sab xi karozzi pparkjati

25.08.05 Dwar il-mistoqsijiet mingħand il-Kunsillier David Caruana:

- Ġie deċiż li għandha ssir laqgħa mal-kuntrattur ta' Triq Charles Sciberras u għandha ssir presentation fuq il-proġett tiegħu.
- Triq Diodorus Siculus – għandha tintbagħat reminder lill-Transport Malta dwar il-o*ne-way*
- Ċint ta' Triq Diodorus Siculus – ġie deċiż li għandha tintbagħat email lill-Awtorità tal-Artijiet is-Sur Robert Vella.
- Fir-rigward il-billboard li jixgħel, ġie deċiż li għandha tintbagħat reminder lill-Pulizija

**25.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

25.9.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Tlieta 24 ta' Frar 2026 fl-5.00p.m.

25.9.02 Il-laqgħa ntemmet 21.45p.m.

**Guido Dalli** **Cher Carmen Fenech**
**Ċermen** **Segretarju**
**Eżekuttiv**

**Data: 24 ta' Frar 2026**

Railings – Dicks Bar

Railings – Tarag ta hdejn Mikiel Ang Cagiano – to remind Carlo